Tagħrif miġbur minn Publio Agius

# *META L-EPIDEMJA TAL-PESTA LAQTET LILL-FLORIANA*

***Il-ġurnata tat-28 ta' Marzu 1813 ġabet magħha biża u ansjetà fost il-poplu, wara li fuq brigantin bl-isem ta' San Nicola li daħal fil-Port ta' Marsamxett minn Lixandra fl-Eġittu, instab li kien hemm traċċi tal-marda qerrieda tal-pesta.***



**Il-Port ta' Marsamxett**

Din l-aħbar nisslet twerwir u paniku fost il-Maltin ta' dak iż-żmien, u dan peress li din il-marda kienet tista' tgħid twassal għal mewta ċerta.

Għalhekk, ittieħdu miżuri prekawżjonarji biex jingħalqu l-postijiet pubbliċi kollha, bħall-Qorti, Dipartimenti tal-Gvern u saħansitra anke l-knejjes kollha. Ta' min jgħid li l-funzjonijiet tal-knisja kienu twaqqfu u naturalment il-festa ta' San Publju f'dik is-sena ma saritx.

Il-Floriana, bħala belt iffrekwentata ħafna, speċjalment miñn dawk li kienu fi triqithom lejn il-Belt, kienet esposta mhux ftit għall-perikolu ta' din il-marda.

It-tobba kollha kienu taħt skrutinju mill-awtoritajiet biex jirraportaw minnufih kull każ ġdid li kienu jiltaqgħu miegħu. Skond rapport ippreżentat fil-Palazz fit-22 ta' Lulju 1813, fil-Floriana mietu 16-il persuna filwaqt li reġistrati 6 persuni suspettati.

Bħala prekawżjoni kontra t-tixrid tal-pesta, il-Gvernatur ordna li dawk il-persuni li jkunu nstabu nfettati, għandhom josservaw dawn il-miżuri: li kull persuna suspettata li tbati minn sintomi tal-pesta, għandhom jintbagħtu fl-Isptar tal-Kwarantina; matul it-triq il-marid għandu jkun akkompanjat mill-gwardja militari, kif ukoll minn uffiċjal iħabbat fuq tambur biex iwissi sabiex kulħadd iżomm 'il bogħod. Kull persuna li tisma' t-taħbit tat-tambur kellha immedjatament tħalli t-triq minn fejn ikun għaddej il-marid u kull resident jingħalaq ġewwa daru sakemm it-taħbit tat-tambur ma jibqax jinstama' aktar.

Permezz ta' editt li ġie ppubblikat fis-17 ta' Novembru 1813 il-Gvernatur ordna li kull ħanut u maħżen fil-Floriana u l-Belt Valletta għandhom jiġu spezzjonati mit-tobba tal-Gvern u uffiċċjali oħra biex jassiguraw li dawn il-postijiet kienu meħlusa mis-sintomi tal-marda.

Il-biża' minn din il-marda ġiegħlet bosta familji Furjaniżi jħallu din il-belt biex ifittxu refuġu 'l bogħod fil-kampanja.

Fi sforz iddisprat biex jikkontrollaw it-tixrid ta' l-epidemja, l-awtoritajiet ċivili tal-pajjiż ordnaw li l-kalessi ta' kull xorta għandhom jintbagħtu fil-Pjazza tal-Floriana u hemm jiġu spezzjonati mill-ispetturi ġenerali tal-pulizija u jibqgħu fi kwarantina ta' ħmistax-il jum. Kull min jikser l-ordni kien ikollu l-kaless tiegħu konfiskat.

Naturalment, l-aktar skrutinju u kontroll kien isir fil-portijiet, speċjalment f'Marsamxett, li kien l-uniku port li seta' jilqa' fih bastiment merkantili għall-kwarantina, fejn feġġħet għall-ewwel darba t-traċċi tal-pesta f'Malta fl-1813.

Biex itaffu l-iffullar fl-Isptar ta' Lazzarett, l-awtoritajiet kellhom jibnu tined ta' l-injam fil-fossijiet tal-Floriana. Ta' min jgħid li din il-marda qerdet madwar 4500 persuna u matul it-tieni parti dehret li qed tbatti għal kollox.



Fejn kien l-Isptar ta' Lazzarett

Skond wiegħda li kienet saret meta laqtitna din il-marda, il-Maltin kellhom jagħmlu tridu u proċessjoni solenni bħala radd il-ħajr lil Alla li biegħed dan il-flaġell. Dan it-tridu sar fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt. Il-proċessjoni saret wara quddiesa solenni li saret fl-istess knisja u wara nofs in-nhar il-proċessjoni bl-istatwa u r-relikwa ta' San Pawl, telqet għall-knisja ta' San Publju fil-Floriana. Matul it-triq il-proċessjoni għaddiet bejn żewġ fillieri twal ta' suldati fost id-daqq tal-qniepen u sparar mill-artillerija. Għal din l-okkażjoni l-Palazz u bini importanti ieħor fil-Belt ġie mdawwal bi fjakkolata mill-isbaħ.



Il-Katalett

## SAN PUBLJU FIL-ĠRAJJA

Malta ta' kultura w storja
Mill-eqdem fil-Mediterran,
Għalkemm ċkejkna rat bil-bosta
Taqbid is-sewwa kien il-għan.

Żewġ sekli għaddew minn fuqna
Meta Alla bagħat lil San Pawl,
Jilqgħu sab lill-Prinċep Publju,
Li mid-dlam uriena d-dawl.

It-tagħlim li Pawlu tana
Imsoqqi sew mill-Ewwel Ragħaj,
Li kien qabel Prinċep tal-Gżira,
Jibqa' jħarisna minn kull gwaj.

San Publju l-Padrun tagħna,
Aħna l-poplu tal-Floriana
Kulħadd jaf x'imħabba nuru,
Lil dan l-Ewwel Pajżan tagħna.

Issa l-istorja għidniha
X'sejrin nagħmlu għal li ġej?
Nibqgħu fit-tagħlim tal-Knisja
U ma jkun joqosna xejn.

**D. Chetcuti**